

Brussell, 12 ta' Jannar 2023
(OR. en)

5109/23

ENER 7
ENV 11

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Nru dok. Cion:	15665/22 + ADD 1
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' XXX li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-ekodisinn għall-konsum tal-enerġija f'modalità mitfi, f'modalità standby u f'modalità standby man-network tat-tagħmir elettriku u elettroniku tad-dar u tal-uffiċċju skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1275/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 107/2009 - Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni (proċedura regolatorja bi skrutinju)

1. Billi l-miżura prevista hija konformi mal-opinjoni tal-kumitat rilevanti, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' miżura ta' hawn fuq¹ lill-Kunsill għal skrutinju f'konformità mal-proċedura fl-Artikolu 5a(3)(a) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE². Billi l-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' miżura fit-2 ta' Diċembru 2022, il-Kunsill għandu sal-1 ta' Marzu 2023 biex jiddeċiedi jopponix l-adozzjoni.

¹ 15665/22 + ADD 1

² Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23), kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

2. Id-delegazzjonijiet intalbu jippreżentaw kwalunkwe kumment dwar dan il-fajl sad-9 ta' Jannar 2023. Id-delegazzjonijiet ma pprovdew l-ebda indikazzjoni li hemm xi raġuni sabiex issir oppożizzjoni għall-abbozz ta' miżura inkwistjoni għar-raġunijiet deskritti fid-Deċiżjoni 1999/468, jiġifieri li:
- jeċċedi s-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fl-istrument bażiku;
 - huwa inkompatibbli mal-għan jew il-kontenut tal-istrument bażiku; jew
 - ma jirrispettax il-prinċipji tas-sussidjarjetà jew tal-proporzjonalità.
3. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li ma hemm ebda raġuni biex issir oppożizzjoni għall-abbozz ta' miżura. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma jopponihex, il-Kummissjoni tista' tadotta l-miżura proposta f'konformità mal-Artikolu 5a(3)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.
-